# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 19 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farruga)**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Maria Grima**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Grima detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 384288M.

Akkuzata talli bejn ix-xhur ta' Dicembru 2015 u Frar 2016, f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja

kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Darren Camilleri** mill-Marsa;

2. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu **Darren Camilleri** mill-Marsa;

3. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **Darren Camilleri** mill-Marsa, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

4. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Elton Caruana** mill-Hamrun;

5. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Elton Caruana** mill-Hamrun;

6. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **Elton Caruana** mill-Hamrun, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

7. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet

haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Keith Carabott** mill-Gzira;

8. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu **Keith Carabott** mill-Gzira;

9. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **Keith Carabott** mill-Gzira, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

10. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Jurgen Ebejer** mill-Hamrun ;

11. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu **Jurgen Ebejer** mill-Hamrun ;

12. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **Jurgen Ebejer** mill-Hamrun , u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

13. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet

haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Adreana Camilleri** mill-Pieta';

14. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu **Adreana Camilleri** mill-Pieta';

15. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **Adreana Camilleri** mill-Pieta', u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

16. U aktar talli fi Frar 2016, f'dawn il-Gzejjer, minkejja li ma kienetx komplici fir-reat imsemmi fl-subartikolu 298C (1), indahlet biex tipprokura ghal persuna ohra ammont ta' flus billi gieghlet persuna twieghed li taghti lil ohrajn, minhabba fl-indhil taghha, kumpens sproporzjonat b'mod grossolan.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjali prosekuturi li kull imputazzjoni dwar misappropjazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar truffa u frodi innominata.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-imputazzjonijiet dwar reati ta' misappropjazzjoni f'kull istanza ngiebu bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar reati ta' truffa u frodi innominata; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjjonijiet dwar misappropjazzjoni,

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha, kif ukoll il-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri odjerni u l-fatt li l-imputata hija disposta li tirrifondi l-ammonti dovuta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li sentenza ta' prigunerija sospieza b'ordni lill-imputata biex thallas lill-persuni koncernati l-ammonti lilhom dovuta hija aktar idonea. B'referenza ghall-piena li ghandha tigi erogata ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 298C(3) tal-Kapitolu 9 b'applikazzjoni tas-subinciz 6 ta'l-istess artikolu 298C ghandu jinzel bi grad b'mod li l-piena hija dik ta' multa u ammenda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, is-sitt, id-disgha, it-tnax u l-hmistax il-imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 18, 298C(3)(6), 308, 309 u 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u tikkundannaha ukoll multa ta' sebgha mitt Euro (€700) u ammenda ta' hamsin Euro (€50) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas lil Darren Camilleri s-somma ta' tmien telef hames mija hamsa u sebghin Euro (€8,575), lil Elton Caruana s-somma ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€2,700), lil Keith Carabott is-somma ta' sebgha telef Euro (€7,000), lil Jurgen Ebejer is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u sebgha mitt Euro (€22,700) u lil Adreanna Camilleri s-somma ta' erbgha telef Euro (€4,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma thallas l-ammonti fuq imsemmija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**